Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**Seduta numru 44 tas-7 Leġislatura**

**L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2016**

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 44 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Proġetti tal-Kunsill
5. Attivitajiet fix-xhur li ġejjin
6. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci kien skużat.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella u bdiet fil-5:53pm.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

dwar punt 3.3 Is-Sindku informa li l-proġett tal-librerija kien prattikament konkluż.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku informa l-Kunsill kien qed jirċievi numru ta' ilment dwaar gazebos, etc fuq ir-ramel fil-Ġnejna. il-Pulizija ser tintalab sabiex isiru aktar patrols.

3.2 Is-Sindku informa li kien talab lill-GreenMT sabiex innaddfu l-Bring In Site ta' Għajn Tuffieħa.

## 4. Proġetti tal-Kunsill

4.1 Is-sindku ressaq ukoll l-ideat li l-Kunsill jerġa' jara dwar il-proġett tal-grawnd ta' mal-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew biex dan il-proġett jitwettaq.

4.2 Ser tissejjaħ laqgħa mal-perit tal-Kunsill dwar il-proġetti pendenti ta' Ġnien Skorba, tal-Ġnejna, Triq il-Kbira, u tal-Faċċiol.

## 5. Attivitajiet fix-xhur li ġejjin

5.1 Il-Kunsill iddiskuta attivitajiet marbultin mal-festa ta' Santa Marija għax-xhur li ġejjin. Ġew ikkonfermati id-dati li ġew ddikjarati fis-seduta ta' qabel.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Eman Vella ippropona li tissejjaħ laqgħa mat-TPPI dwar il-park pubbliku propost f' din in-naħa ta' Malta u li dwaru il-Kunsill kien bgħat position paper.

6.2 Mario Sammut informa li kien ħa sehem fil-European Youth Event fi' Strasburgu u Praga għall-attivita' ta' l-AC4ACP. Din l-attivita' kienet titratta il-bdil fil-klima. Elizabeth Ebejer ukoll ħadet sehem fl-attivita' ta' Praga, fejn resqett preżentazzjoni dwar inizzjattiv relatati mal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

6.3 Elizabeth Ebejer semmiet ukoll li kienet attendiet għal-laqgħa tal-AKL dwar fondi għall-proġetti tal-EU. Hi tat informazzjoni dwar dawn il-fondi sabiex il-Kunsill jikkonsidra proġetti relatati.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 6 ta' Lulju 2016, fil-5:30pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku